**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10268 — SYNNEX/Tech Data)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 269/06)

1. Fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SYNNEX Corporation ("SYNNEX", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Tech Data Corporation ("Tech Data", l-Istati Uniti tal-Amerka).

SYNNEX takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Tech Data. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SYNNEX: il-forniment ta' prodotti teknoloġiċi u soluzzjonijiet għas-sistemi tal-IT lil rivendituri u klijenti bl-imnut barra mill-Unjoni Ewropea kif ukoll loġistika komprensiva, distribuzzjoni, disinn tas-sistemi, u servizzi ta' integrazzjoni għall-industrija tat-teknoloġija. Fiż-ŻEE ([2]), SYNNEX hija attiva biss fl-iżvilupp u l-bejgħ ta' servers magħmula apposta u soluzzjonijiet ta' ħżin għall-utenti taċ-ċentri tad-*data*,

— Tech Data: distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti teknoloġiċi u soluzzjonijiet lil bejjiegħa mill-ġdid fuq bażi globali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([3]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10268 – SYNNEX/Tech Data

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) Żona Ekonomika Ewropea
([3]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË